

# FLIMKIEN

Patrijiet Franġiskani, Triq Sant' Antnin - Għajnsielem
Festa Sant'Antnin 2009 - Nru. 38

# *Aħna wkoll nistgħu inġorru lil Kristu*

Meta nħarsu lejn il-figura ta' Sant'Antnin dejjem narawħ iġorr lil Ġesù Bambin f'idejħ li għandu ikun simbolu u mudell għalina. Dan il-mudel nistgħu narawh fl-ittra ta' San Pawl lill-Filippin. Pawlu iħeġġigna li nimitaw lil Kristu li minkejja li kien Alla ma qagħadx ifittex dak li hu ta' Alla imma tneżża min kollox u ħa n-natura ta' ilsir u sar ubbidjenti tal-mewt anzi sal-mewt tas-salib.

Il-figura ta' Ġesù allura, trid twasslilna dan il-messaġġ, billi jiddeskrivi lilu innifsu permezz ta' l-ittra lil Filippin 2:6-8. Hawn naraw l-imħabba li dan Ġesù għandu għalina, li ried jingħata kompletament għalija u għalik għax hemm imħabba vera. Din hi l-imħabba li dan Ġesù irid jurina f'idejn Sant'Antnin. Ma tkunx ħaġa sabiħa u idea tajba li aħna lkoll devoti ta' dan il-qaddis, li inġorru tul ħajjitna l-imaġini ta' Alla f'idejna u nuruh lid-dinja? It-tarbija Ġesù imma mhix immaġinarja. Elfejn sena ilu, grazzi għal Verġni Marija, l-Iben ta' Alla tneżża minn kollox u ġie jammar fostna bħala tarbija umli.

Illum li qed niċċelebraw festa oħra, x'se jkollha differenti minn tas-sena l-oħra? Se nsir nixbaħ lil dan il-Qaddis, filli nkun naf iktar il-kelma ta' Alla, filli nkun naf dak li Alla jrid minni, filli bħal ma qal San Franġisk lil istess Antonju, li huwa mportanti x-xogħol imma iktar importanti li x-xogħol ma jtellifx mill-ħin tat-talb u d-devozzjoni!

Dan il-Qaddis għadu sallum attwali għax ħafna drabi nwarrbu dak li hu ta' Alla bl-iskuża li dejjem għandna x'nagħmlu. Forsi wasal iż-żmien li nħares lejn dan il-Qaddis bil-bambin f'idejh u nara jekk jien qedx inġorr lil Ġesù f'qalbi, bil-kliemi u bl-għemil tiegħi. Tajjeb li nħarsu lejn dan il-qaddis u nitolbuħ ħalli nkunu dejjem iżjed nixbħuħ u ressaqna lejn Ġesù. Tajjeb li l-festa li ġejja tkun okkażżjoni fejn jien niskopri iktar lil Alla, bis-smigħ tal-quddies, tal-kelma ta' Alla u nieħu sehem fis-sagramenti. U hekk inkun qed nirċievi jien u nkun nista' nwassal lil dan Ġesù lil ta' madwari.

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd!

P. Joseph Magro OFM
Gwardjan

Fraternità Franġiskana

## *Ħinijiet tal-Quddies*

***Matul il-Ġimgħa***
6.00am, 6.30am, 6.30pm Rużarju u 7.00pm Quddiesa

Is-Sibt: 6.45pm Għasar u 7.00pm Quddiesa

Il-Ħdud u Festi Kmandati: 6.00am, 7.00am, 8.30am, 11.00am

***Qrar***
Matul il-Ġimgħa u l-Ħdud, qabel il-quddies
Is-Sibt mill-6.00pm sas-7.00pm

## *Ħidma Pastorali*

***PPF***
Nhar ta' Erbgħa kull ħmistax fid-9.00am, il-Kunvent

***Leġun ta' Marija***
Kull nhar ta' Erbgħa fid-9.00am, il-Kunvent

***Band ta' Animazzjoni***
Għaż-żgħażagħ li jafu jdoqqu xi strument, jiżfnu u jirreċtaw, biex janimaw il-liturġija. Kull nhar ta' Sibt fl-10.00am fil-Kunvent.

***Abbatini***
Għat-tfal subien minn 7snin il-fuq - Laqgħa kull nhar ta' Sibt fl-10.00am fiċ-Ċentru. Wara ikun hemm il-logħob.

***Letturi***
Laqgħa s-Sibt fil-5.00pm. Il-Kunvent (meta avżat fil-quddies)

***OFS***
L-aħħar Sibt tax-xahar fil-5.00pm, il-Kunvent

***Kor***
Għat-tfajliet minn 7snin il-fuq - Provi tal-kant kull nhar ta' Ħadd fid-9.15am, fil-Knisja.

# *mill-Maħżen*

Wara sena oħra ta' ħidma, reġa qorob iż-żmien li tant inkunu ilna nistennew u nippreparaw għalih, iż-żmien fejn ningħaqdu bħala komunita' waħda biex infaħħru u nagħtu ġieħ lil Alla permezz ta' Sant'Antnin ta' Padova, il-qaddis tagħna. Iżda ma nistgħux nagħmlu dan mingħajr il-ħidma ta' diversi persuni li lesti jagħtu s-sehem tagħhom biex lil patrun tagħna nagħmlulu festa kif tixraqlu.

Nibda bili nsemmi x-xogħol ta' restawr fuq it-trofej u l-pedistall ta' Sant'Antnin. Restawr li ħa ħafna xogħol u ħin biex l-armar ħa dehra ġdida u isbaħ. Nirringrazzjaw lil Vince Farruġia li ġie minn Malta biex jagħmel l-irħamar u ħareġ b'riżultati professjonali. Komplew jinħadmu kwantita' kbira ta' liedna biex inkomplu nsebbħu t-toroq tagħna. Ta' min isemmi l-parti t'isfel ta' Triq Sant'Antnin li s-sena l-oħra beda' x-xogħol biex tintrama għal festa u din is-sena komplejna b'diversi bnadar żgħar u liedna. Se jiżżanżan għal l-ewwel darba pavaljun u żewġ bandalori meħjuta minn diversi helpers fuq disinn u sfumar ta' Jonathan Grima.

Fil-Milied li għadda, diversi membri ta' l-għaqda ta' l-armar ħadu sehem fil-proġett ta' Bethlem f'Għajnsielem fejn grazzi għal min ta sehmu stajna niġbru ftit fondi sabiex stajna naħdmu x-xogħol li sar. Din kienet sfida għalina bħala għaqda fejn frott is-sagrifiċċji ta' kull wieħed u waħda minna stajna ngħelbu kull ostaklu. Matul is-sena liturġika, x-xogħol ma jieqaf qatt speċjalment fil-Knisja. Hemm ħafna xogħol marbut mal-festi l-kbar tal-Milied u l-Għid li jinvolvi fih preparamenti li ma tantx jidhru. Fiċ-Ċentru wkoll tajna atmosfera ta' festa fejn fil-Milied sar il-presepju u fl-Għid intramat wkoll il-Mejda ta' l-Appostli.

Għal darb'oħra nirringrazzjaw lil għaqda ta' l-armar ta' Għajnsielem li tagħtina l-għajnuna meta jkollna bżonn. Grazzi kbira lil membri kollha li jagħtu s-sehem tagħhom biex ix-xogħol ikun jista' jkompli għaddej. Nirringrazzjaw ukoll lilkom tas-support li dejjem tagħtuna fejn anke kelma ta' inkoraġġament tagħtina l-enerġija biex inħarsu l-quddiem għal aktar ħidma.

Minn qalbna nawguraw il-Festa t-tajba u qaddisa lil kulħadd.
Viva Sant'Antnin!

Fra Lorrie Zerafa OFM

***Opri ġodda***

***Interni::*** Raġġiera tal-fidda għall-bambin ta' l-istatwa ta' Sant'Antnin; Pedistall tal-fidda għar-relikwa ta' Sant'Antnin biex titpoġġa fuq il-bradella; Sett ta' 24 važun għall-artali għall-festi sekondarji; Induratura ta' sett gandlieri, u ibbanjar fil-fidda tas-sett važuni ta' l-artal tal-Madonna tal-Karmnu; Ibbanjar fil-fidda ta' kalċi; Sett turċetti għal quddiem l-istatwa.

***Esterni::*** Pavaljun tad-drab u żewġ bandalori; Restawr tal-pedistall u Trofej ; Diversi liedna; Restawr ta' diversi dwal tal-faċċata tal-Knisja; Bnadar żgħar għal parti t'isfel ta' Triq Sant'Antnin.

# *Storja ritratti*



*Festa Sant'Antnin:*
Jum l-Abbatini u tfal



*Festa Sant'Antnin:*
Il-Knisja armata u waqt il-purċissjoni





*Festa San Franġisk:*
Mumenti waqt il-Quddiesa



*Festa San Franġisk:*
Tberik ta' l-Annimali u Pets





Camping għat-tfal tal-Kor u Abbatini fis-Sajf



Jum il-Milied u r-Relikwa ta' S. Pawl fostna



# Programm Festa Sant'A

## fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiska

## 23 ta' Mejju sa

***Is-Sibt 23 ta' Mejju – ĦRUĠ TAL-VARA***

6.30p.m. Rużarju u Kurunella.

6.45p.m. Ħruġ tal-Vara, bil-kant ta' l-Innu Popolari.

7.00p.m. Quddiesa.

***Il-Ħadd 24 ta' Mejju – JUM IL-MORDA***

6.00, 7.00, 11.00a.m. Quddies

8.30a.m. Quddiesa mmexxija minn P. Alfred Sciberras OFM u wara Vjatku Solenni u Tqarbin tal-Morda fid-djar.

***It-Tnejn 25 ta' Mejju – JUM IL-BENEFATTURI***

6.30p.m. Rużarju u Kurunella.

7.00p.m. Quddiesa għall-Benefatturi Ħajjin u Mejtin, immexxija mill-Gwardjan u wara riċeviment fil-Kunvent. Kulħadd huwa mistieden.

***It-Tlieta 26 ta' Mejju – JUM IT-TFAL***

6.45p.m. Purċissjoni mill-parking tal-Kunvent b'Sant'Antnin akkumpanjat mid-daqq ta' l-Innu Popolari.

7.00p.m. Quddiesa u wara ssir it-Tberik u l-Preżentazzjoni tat-tfal lil Sant' Antnin. Wara l-Quddiesa jsir party fiċ-Ċentru Sant'Antnin għat-tfal.

***L-Erbgħa 27, 28, 29 ta' Mejju – JIEM TA' TRIDU***

6.30p.m. Kurunella u Għasar.

7.00p.m. Quddiesa konċelebrata mmexxija minn P. Joe Xerri OFM Conv. Innu, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

***Is-Sibt 30 ta' Mejju – LEJLET IL-FESTA***

6.30p.m. Rużarju u Kurunella.

7.00p.m. Translazzjoni bir-Relikwa ta' Sant'Antnin mill-Vigarju Provinċjali, P. Richard S. Grech OFM.

7.15p.m. Quddiesa Solenni mmexxija mill-Arċipriet tal-Parroċċa Dun Frankie Bajada. Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

9.30p.m. Marċ mill-Banda "San Ġużepp" ta' Għajnsielem fi Triq Sant'Antnin bl-istatwa li wara tittella' quddiem il-Knisja.

# Antnin ta' Padova 2009

## ani, Sant'Antnin - Għajnsielem

## at-13 ta' Ġunju

***Il-Ħadd 31 ta' Mejju – JUM IL-FESTA***

| | |
|---|---|
| 6.00a.m. | Quddiesa. |
| 7.00a.m. | Quddiesa. |
| 8.30a.m. | Quddiesa Pontifikali Solenni, konċelebrata u mmexxija mill-E.T. Mons. Nikol Cauchi, Isqof Emeritus. Isir it-Tberik u Tqassim tal-Ħobż ta' Sant'Antnin. |
| 11.00a.m. | Quddiesa. |
| 6.00p.m. | It-II Għasar immexxi mill-Vigarju Provinċjali. |
| 6.00p.m. | Marċ mill-Banda "Ite Ad Joseph" tal-Qala fi Triq Sant'Antnin. |
| 6.30p.m. | Quddiesa mmexxija mill-Vigarju Provinċjali. |
| 7.45p.m. | Purċissjoni bl-istatwa Devota ta' Sant'Antnin. Takkumpanja l-Purċissjoni l-Banda "San Ġużepp" ta' Għajnsielem. Mal-ħrug ta' l-istatwa jingħata s-salut, jindaqq l-innu ta' Sant'Antnin u jsir ħruq tan-nar. |
| 8.00p.m. | Waqt il-Purċissjoni, il-Banda "Mnarja" tan-Nadur tesegwixxi programm mużikali fuq iz-zuntier tal-Knisja. |
| 10.00p.m. | Mad-dħul tal-Purċissjoni jsir ħruq tan-nar. Iċ-Ċelebrazzjoni tal-festa tagħlaq bil-Barka Ewkaristika. |

***Il-Ġimgħa 12 ta' Ġunju – JUM IL-KOMUNITÀ FRANĠISKANA***

| | |
|---|---|
| 6.30p.m. | Rużarju u Kurunella. |
| 11.00a.m. | Quddiesa bis-sehem tat-tfal mill-iskejjel primarji ta' Għajnsielem, Nadur u Qala. |
| 7.00p.m. | Quddiesa konċelebrata bl-I Għasar ta' Sant'Antnin, immexxija minn P. George Bugeja OFM. |

***Is-Sibt 13 ta' Ġunju – FESTA LITURĠIKA***

| | |
|---|---|
| 6.30p.m. | Rużarju u Kurunella. |
| 7.00p.m. | Quddiesa Solenni konċelebrata mmexxija minn P. Joseph Magro OFM, Gwardjan. Mistiedna speċjali dawk is-saċerdoti li jġibu isem Sant'Antnin. Wara t-tqarbin jitkanta t-Te Deum fl-għeluq tal-Festa. Isir it-Tberik u Tqassim tal-Ħobż ta' Sant'Antnin. |

**Qedgħa ssir Lotterija**
**ta' Statwa ta' Sant'Antnin**
**Silver Plated**
(li tiswa €195)

Il-qlieħ immur b'risq il-festa
Lotterija titla
fit-12 ta' Ġunju lejliet
il-Festa Liturġika tiegħu

BILJETTI MIS-SAGRISTIJA



*Il-jiem tal-festa kollha se jiġu*
*trasmessi dirett fuq*
*Radju Lauretana 96.5 FM*
*u*
*www.radjulauretana.com*



**Il-Ġimgħa 29 ta' Mejju**

**Pizza u Tombla**
**b'risq il-festa**
**fil-parking tal-Kunvent.**

**Mit-8.30pm il-quddiem.**